# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 16 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 8.**
**Citazz. Nru. 1659/00 JRM**

**MASTER ELECTRIC COMPANY LIMITED**

**vs**

**Nicholas SAMMUT.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenut hu veru cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef lira maltija (Lm4000) import ta' kambjala li skadiet izda baqghet ma thallsitx (Dok SM1);

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrci talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala veru cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbat elef lira maltija (Lm4,000) import ta' kambjala li skadiet izda baqghet ma thallsitx;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef lira maltija (Lm4,000) import ta' kambjala li skadiet izda baqghet ma thallsitx;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 25 ta' April 2000, tal-ittra ufficjali datata ta' Mejju 2000 tal-Mandati ta' Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment u bl-interessi mid-data tas-17 ta' Frar 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala veru cert u likwidu debitur a favur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ erbat elef lira maltija (LM4,000) import ta’ kambjala li skadiet izda baqghet ma thallsitx;

2. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef lira maltija ( Lm4,000) import ta’ kambjala li skadiet izda baqghet ma thallsitx;

U bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 25 ta’ April 2000, tal-ittra ufficjali datata ta’ Mejju 2000, tal-Mandati ta’ Qbid u Sekwestru u bl-interessi mid-data tas-17 ta’ Frar 2000 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**16 ta’ Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta’ Jannar, 2001.**